# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar 2025**

**Numru: 38**

**Rikors numru: 426/2021/1 RGM**

**Francesca Zarb**

**v.**

**Avukat tal-Istat u Mary Agius għal kull interess li jista' jkollha**

1. Din hija sentenza minn appell imressaq mill-**Avukat tal-Istat** fl-20 ta' Frar, 2023 sabiex tinbidel sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'31 ta' Jannar, 2023. F'din is-sentenza ġie deċiż li r-rikorrenti ġarrbet ksur tal-jeddijiet tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà taħt **l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba t-tħaddim l-Artikolu tal-Kap.69 tal-Liġijiet ta' Malta**. Bħala rimedji l-

Ewwel Qorti ordnat: (i) danni pekunjarji fis-somma ta' €55,600.00 u d-danni non pekunjarji fis-somma ta' €13,500.00 (ii) ikkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' €69,100.00 bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament liema kundanna qed issir bis-saħħa tal-Artikolu 4 (2) tal-Kap 319 u mhux skont l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni kif talbet ir-rikorrenti.

**Daħla**

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *«1.'Ilr-rikorrenti hija s-sid tal-proprjetà ossia l-fond bin-numru illum, mija wieħed u erbgħin (141), ġja tlieta u sebgħin (73), Saint Joseph, Triq id-Duluri, Ħamrun.*
>
> *2. L-inkwilin Mary Agius ilha tokkupa il-fond surriferit għal żmien twil (iktar minn sittin sena) taħt titolu ta' kera stabbilit u miżmum taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69, senjatament l-artikolu 3, flimkien mad-disposizzjonijiet tal-Att X tal-2009, senjatament l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *3. Illi għalhekk l-intimata baqgħat tgawdi kirja sfurzata fuq is-sid u tħallas biss kera ta' €210 fis-sena, illi hija dik il-kera massima li jipprospetta l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta,mingħajr ma nżamm il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin. Ma hemm l-ebda dubju illi din hija kera baxxa, speċjalment ikkunsidrat dak li l-proprjetà kapaċi iġġib fis-suq miftuħ.*
>
> *4. Illi huwa stat ta' fatt illi d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-anqas qabel daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021, tad-dritt lill-intimata li tibqa tgħix fil-fond suriferit minkejja li skada t-terminu lokatizju, b'kera irriżorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas żżomm bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, bl-uniku awment permessibli jkun dak skond ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill-Awtoritajiet Governattivi. Dan irriżulta għal relazzjoni sforzata ta' sid u inkwilina għall-perjodu indefinit.*

*5. Illi b'dan il-mod, ir-rikorrenti ġiet mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjeta' tagħha, mingħajr ma ġiet mogħtija kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond,. Għaldaqstant ġiet privata mill-proprjeta' tagħha bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*6. Il-livell baxx ta' kera, l-istat tal-inċertezza tal-possibilità tat-teħid lura ta' propjetà, in-nuqqas ta' salvagwardja proċedurali, iż-żieda fil- livell tal-għejxien f'Malta f'dawk l-aħħar deċimi u l-interferenza sproporzjonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piż eċċessiv fuq ir-rikorrenti.*

*7. Għalhekk fil-fehma umili tar-rikorrenti, id-drittijiet tagħha ġew miksura l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement għandhom dritt tirċievi kumpens a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja, stante illi ġiet privata, mingħajr ma ngħatat kumpens ġust għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħha.»*

3. Peress li rikorrenti appellata dehrilha li dan kollu seħħ bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha mħarsin bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll, ir-rikorrenti appellata fetħet din il-kawża u talbet lill-Qorti jogħġobha:

*»(I) **Tiddikjara u Tiddeċiedi** illi per konsegwenza tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, inkluż tal-artikolu 3 tal-istess Kapitolu fil-liġi, u/jew minħabba l-Att X tal-2009, ġew u vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħha fond illum, mija wieħed u erbgħin (141), ġia tlieta u sebgħin (73), Saint Joseph, Triq id-Duluri, Ħamrun bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*(II) **Tiddikjara u Tiddeċiedi** illi l-intimat l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni, li jinkludi danni non-pekunjarji,sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-liġijiet suċċitati fit-talba preċedenti u dan ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*(III). **Tillikwida** l-istess kumpens u danni bil-ħatra ta' perit nominandi;*

*(IV). **Tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini ta' l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

*(V). **Tagħti** dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa;*

***Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.**«*

4. L-Avukat tal-Istat ressaq it-tweġiba tiegħu, fejn fisser li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

5. B'sentenza mogħtija **f'31 ta' Jannar, 2023,** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li qieset il-fatturi u r-raġunijiet kollha caħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiz u ddisponiet mit-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

*«**Tilqa**' l-ewwel talba.*

***Tilqa'** t-tieni talba ai termini tal-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea kif talbet ir-Rikorrenti.*

***Tilqa'** t-tielet talba, tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma ta' €55,600.00 u d-danni non pekunjarji fis-somma ta' €13,500.00.*

***Tilqa'** r-raba' talba, tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lir- Rikorrenti s-somma komplessiva ta' €69,100.00 bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament liema kundanna qed issir bis-saħħa tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 u mhux kif talbet ir-Rikorrenti.*

***Bl-ispejjeż** kontra l-Avukat tal-Istat ħlief l-ispejjeż peritali li għandhom jitħallsu in kwantu għal kwint (1/5) mir-Rikorrenti u erba' kwinti (4/5) mill-Avukat tal-Istat.:»*

6. L-Avukat tal-Istat appella, b'rikors imressaq **fl-20 ta' Frar, 2023,**

fejn saħaq li: (i) id-danni pekunjarji mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ġie kkalkulat b'mod ħażin u konsegwentement huwa wieħed eċċessiv (ii) il-kumpens non-pekunjarju huwa wieħed eċċessiv.

7. Ir-rikorrenti appellata wieġbet għal dan l-appell fl-**14 ta' Ġunju, 2023** u qalet li taqbel mas-sentenza tal-Ewwel Qorti u li hija ġusta u timmerita konferma.

8. Inżamm smigħ fis-**sittax (16) ta' Otturbu 2023** u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

9. Qabel ma tqis l-appelli tal-partijiet, din il-qorti tosserva li ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet ksur tad-dritt fondamentali tal-atturi mħarsa taħt Artikolu tal-1 Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-parti tas-sentenza appellata għalhekk illum hija finali.

***Konsiderazzjonijiet:***

10. Din il-Qorti taqbel mal-Avukat tal-Istat li jidher li erronjament l-Ewwel Qorti applikat Mudell numru 1 bħala valuri mogħtija mill-Perit Tekniku sabiex tiddetermina u tillikwida l-kumpens pekunjarju xieraq dovut lir-rikorrenti appellata. Ir-rapport tal-Perit Tekniku f'paġna 9 u 10

jipprovdi żewġ mudelli b'valuri lokatizzji differenti li din il-Qorti qed tirriproduċi f'Skeda A.

11. Tassew illi l-Perit Tekniku Caruana Galea tisqarr fil-konklużjonijiet tagħħa a fol 52, tistqarr *"illi l-valur taż-żewġ mudelli huma ferm differenti u fil-fehma tal-esponenti r-rati tal-kera li rriżultaw mill-Mudell Numru 1,* ***fejn intużaw l-indiċi, huma wisq għoljin u għalhekk il-Mudell Numru 1 ma ntużax biex l-esponenti waslet għas-segwenti konklużjonijiet****."*

12. Il-Perit Tekniku tkompli tispjega fir-rapport tagħha illi hija qed tibbaża r-riżultati tagħha fuq Mudell Numru 2 **"peress li r-riċerka li saret fil-gazzetti lokali hija waħda ddettaljata"** u qalet ukoll li ċ-ċifri meħudin mill-Mudell Numru 1, mhumiex realistiċi u filfatt hi għazlet li tuża l-Mudell Numru 2 u l-valuri lokatizzji misjuba b'tali Mudell sabiex tikkonstata l-valuri lokatizzji tal-fond *de quo;*

13. L-Ewwel Qorti ma tat ebda raguni għaliex addottat l-ewwel mudell meta l-Perit Tekniku addotta t-tieni mudell bħala wieħed aktar gust. Il-Qorti taqbel li għalkemm għandu jintuża l-kejl ta' **Cauchi vs Malta** għal komputazzjoni tal-kumpens għandu jiġi addottat approċċ aktar verosimili u realistiku biex tiġi stabbilita kera raġonevoli tul iż-żmien.

14. Ġaladarba l-Perit Tekniku li ġiet maħtura mill-Ewwel Onorabbli

Qorti stess waslet fil-konklużjoni li l-valuri lokatizzji li għandhom jintużaw huma dawk tal-Mudell Numru 2, liema valuri ma ġewx kontestati minn l-ebda parti, din il-Qorti taqbel li l-istima rakkomandata mill-perit innifisha tassigura kumpens aktar ġust u preċiż.

15. Din il-Qorti, għaldaqstant, ser tirrevedi l-ammont tal-kumpens u ser tuża t-Tieni Mudell, kif rakkomandat mill-Perit Tekniku li għandha l-esperjenza u l-kwalifiki neċessarji, biex tiżgura li l-kalkolu jkun ġust u adegwat. Il-prinċipju ewlieni hawnhekk huwa li l-kumpens ikun ibbażat fuq valutazzjoni realistika tal-kera fiż-żmien relevanti.

16. Il-Qorti Ewropeja, fil-każ reċenti ta' **Cauchi v. Malta**, tal-25 ta' Marzu 2021, ipprovdiet illi l-kumpens dovut f'każijiet fejn il-liġi impunjata ikollha skop leġittimu fl-interess ġenerali, m'għandux jirrifletti l-valur lokatizzju sħiħ li kien ikun perċepibbli fuq is-suq liberu.

17. Hekk ukoll, dan gie mfisser f'din is-silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju 2023 ***Agostina sive Ina Cini et vs. L.Avukat tal-Istat et.***

> *»F'appelli ta' din ix-xorta fejn il-kwistjoni prinċipali tkun il-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti, u li sfortunatament qegħdin jieħdu ħafna mill-ħin ta' din il-Qorti, il-Qorti ad nauseam ilha tagħmel il-kalkolu tal-kumpens pekunjarju a bażi tal-linji gwida li ngħataw mill-QEDB fis-sentenza Cauchi v. Malta.*
>
> *Jekk wieħed kellu jibbaża l-kalkolu tal-kumpens pekunjarju fuq l-*

*istimi tal-perit tekniku, l-ewwel irid jitnaqqas 30% minħabba l-interess ġenerali fil-protezzjoni li l-liġi tagħti lill-inkwilin.*

*Mill-bilanċ jitnaqqas 20% oħra minħabba l-inċertezza dwar kemm il-fond kien ser ikun mikri għall-perjodu kollu.»*

18. Fil-każ ta' Cauchi, il-QEDB qalet li minn dan irid jitnaqqas ukoll il kera li tħallset/kienet pagabbli mill-inkwilini skont il-liġi.

19. In konklużjoni, għalhekk, fid-dawl tal-provi dokumentarji in atti, jiġi kkunsidrat illi:

a. Il-valur totali ta' kera perċepita kien fl-ammont ta' €5,798;

b. Skont il-valur lokatizzju indikat mill-Perit Tekniku fil-komputazzjoni mudell numru 2, ir-rikorrenti appellata mit-30 ta' April ta' sena 1987 sal-31 ta' Mejju 2021 kellha tipperċepixxi kera fl-ammont ta' €67,030 għal dan il-perjodu hekk kif jidher fi Skeda B;

c. Il-kumpens pekunjarju qiegħed għalhekk jinħadem hekk:

€67,030 – 30% għall-interess ġenerali = €46,921

€46,921 – 20 % għall-inċertezza li l-fond ikun dejjem mikri = €37,536.80

€37,536.80 - €5798 kera perċepita kif fuq maħdum = **€31,738.80**

20. B'hekk il-kumpens pekunjarju dovut għandu jiġi aġġustat għal

**wieħed u tletin elf seba' mija u tminja u tletin ewro u tmenin ċenteżmu (€31,738.80)**;

21. It-tieni aggravju li ressaq l-Avukat tal-Istat, hu dwar il-kumpens non-pekunjarju likwidat mill-Ewwel Onorabbli Qorti li jgħid li huwa esagerat u għalhekk jimmerita li jigi ridott.

22. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ***Joseph Mary sive Joseph Duca et v. Reno Farrugia u Avukat tal-Istat*** deċiża fit-**3** ta' **Frar, 2023** qalet;

> *«li l-liġijiet li jikkontrollaw it-tiġdid tal-kiri ma kinux jgħaxxqu wisq lir-rikorrenti bħala sidien il-kera għaliex dawn il-liġijiet kellhom l-effett li jżommuhom milli jieħdu lura l-post għall-użu personali tagħhom u milli jitolbu l-kera li riedu. Telf ta' qligħ jew ta' flus però mhux bilfors iwasslu għal tbatija, tferfir jew taqtigħ il-qalb. Sensjazzjonijiet dawn, li ġeneralment jitqiesu bħala konsiderazzjonijiet fl-għoti tad-danni morali;*
>
> *Il-qorti tifhem li wieħed għandu jqis dawn is-sura ta' danni meta jeżistu ċirkostanzi fejn it-tiġrib konvenzjonali jwassal għal niket kbir, uġiegħ jew tbatija, sew jekk fil-forma fiżika sew jekk mentali. Għallinqas minn kif taraha l-qorti mhux għaliex instab li kien hemm ksur konvenzjonali allura bilfors ġew imġarrba danni morali. Fl-opinjoni tal-qorti d-danni morali għandhom jingħataw biss jekk jintwera bil-provi li dawn tabilħaqq ġew imġarrba;*
>
> *Bħalma d-danneġġjat huwa mitlub jipprova d-danni pekunjarji, hekk ukoll huwa mitlub li jipprova d-danni morali, jekk huwa jkun qiegħed ifittixhom jew jippretendihom. Ir-regoli dwar il-provi tad-danni jgħoddu mhux biss għall-kawżi ċivili normali iżda jgħoddu wkoll għall-kawżi marbuta ma' ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem;*
>
> *Fil-każ tal-lum, għalkemm il-qorti taċċetta li r-rikorrenti, seta' kellhom stennija mxennqa li jdaħħlu aktar flus mill-kiri tad-dar, madankollu b'daqshekk dan ma jfissirx li huma kien ħaqqhom ukoll li jieħdu danni morali għaliex ma għamlux dak il-qligħ. It-telf ta' qligħ huwa fattur li għandu jiġi meqjus fil-kuntest tad-danni pekunjarji iżda mhuwiex fattur li waħdu għandu jagħti lok għall-għoti ta' danni morali. Inkella d-danneġġjat*

*ikun qiegħed jiġi kkumpensat għal darbtejn fuq l-istess ħaġa;*

*Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-kontroll fit-tiġdid tal-kera b'xi mod ġab xi tbatija fiżika jew mentali fuq ir-rikorrenti. Ħadd mir-rikorrenti ma tela' jixhed u qal li minħabba l-liġijiet dwar it-tiġdid tal-kera huma kellhom jidħlu f'xi sagrifiċċji finanzjarji jew f'xi tbatijiet żejda…*

*Minkejja dan kollu, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Francis Attard v. Avukat tal-Istat*** *deċiża fit-30 ta' Novembru, 2022 qalet li f'sitwazzjonijiet bħal dawn ir-rikorrenti xorta waħda għandhom jingħataw kumpens morali għaliex kif ġie mfisser mill-Qorti Ewropea fis-sentenza* ***Sargsyan v. Azerbaijan*** *tat-12 ta' Diċembru, 2017, «…non-pecuniary awards serve to give recognition to the fact that moral damage occurred as a result of a breach of a fundamental human right and reflect in the broadest of terms the severity of the damage.»;*

23. Hekk ukoll, din il-Qorti tirrileva li l-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza bl-ismijiet **B. Tagliaferro & Sons Limited vs. L-Avukat tal-Istat et deċiza f'12 ta' Lulju 2023** qalet:

*"Huwa żbaljat l-argument li fil-ġurisprudenza ġiet stabbilita xi regola fissa li l-kumpens non-pekunarju għandu jiġi kkalkolat fis-somma ta' €500 għal kull sena li tkun damet għaddejja l-leżjoni. Il-kumpens non-pekunarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun ġiet sofferta mill-vittma minħabba l-leżjoni li tkun ġiet konstatata mill-Qorti, u għalhekk huwa neċessarjament kwistjoni suġġettiva li tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ."*

24. F'dan il-każ, meta wieħed jitfa' dan kollu fil-qoffa, il-fatt li ma jirriżultaw ebda ċirkostanzi jew provi ta' tbatija li ġarrbet ir-rikorrenti u l-fatt li ghalkemm il-ksur dam għaddej bejn l-1994 u l-2021 kien biss fis-sena 2021 li nfetħet il-kawza u l-Qorti tħoss li kumpens ta' ħamest elef (€5,000) għandu jkun wieħed biżżejjed bħala danni morali.

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti sejra tirriduċi l-ammont ta' danni likwidati f'danni morali ta' ħamest elef (€5,000).

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tirriforma s-sentenza appellata :

i. Tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat, fis-sens li tħassar is-sentenza appellata fejn illikwidat il-kumpens pekunjarju li l-Avukat tal-Istat għandu jħallas lill-attrici fis-somma ta' **ħamsa u ħamsin elf u sitt mitt ewro (€55,600.00)** u minflok, tillikwida dak il-kumpens fis-somma ta' **wieħed u tletin elf, seba' mija u tmienja u tletin ewro u tmenin ċenteżmu (€31,738.80)** li għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat;

ii. Tħassar is-sentenza appellata fejn illikwidat danni morali ta' **tlettax-il elf ewro (€13,000)** u minflok tillikwida kumpens non-pekunjarju ta' **ħamest elef (€5,000)** li wkoll għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat;

iii. Spejjez għar-rikorrenti appellata għax intlaqa' l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss

## Skeda A

Skeda A qed tiġi annessa sabiex tifforma parti integrali minn din is-sentenza odjerna.

**Francesca Zarb v. Avukat tal-Istat et**

Rikors Kostituzzjonali 426/21

| **Fig 2: Analiżi ta' Dok. P2 – Komputazzjoni Mudell Numru 1** | |
|---|---|
| **Sena** | **Renta fis-sena - €** |
| **1965** | **€1,268** |
| 1970 | **€1,391** |
| 1975 | **€1,481** |
| 1980 | **€2,127** |
| 1985 | **€2,471** |
| 1990 | **€2,653** |
| 1995 | **€3,118** |
| 2000 | **€3,528** |
| 2005 | **€3,858** |
| 2010 | **€4,390** |
| 2015 | **€4,698** |
| 2020 | **€5,426** |
| 2021 | **€5,400** |

| **Fig 3: Analiżi ta' Dok. P3– Komputazzjoni Mudell Numru 2** | |
|---|---|
| **Sena** | **Renta fis-sena - €** |
| **1965** | **€180** |
| 1970 | **€360** |
| 1975 | **€450** |
| 1980 | **€585** |
| 1985 | **€675** |
| 1990 | **€900** |
| 1995 | **€1,400** |
| 2000 | **€1,620** |
| 2005 | **€2,520** |
| 2010 | **€2,880** |
| 2015 | **€3,240** |
| 2020 | **€5,220** |
| 2021 | **€5,400** |

**Skeda B**

Skeda B qed tiġi annessa sabiex tifforma parti integrali minn din is-sentenza odjerna.

**Francesca Zarb v. Avukat tal-Istat et**

Rikors Kostituzzjonali 426/21

| **Likwidazzjoni Danni Pekunjarji** | |
|---|---|
| **Sena** | **Renta - €** |
| 01/05/1987-31/12/1987 | €675 ÷ 12 x 8 ÷ 5 = €90 |
| 1988-1989 | €675 x 2 ÷ 5 = €270 |
| 1990-1994 | €900 x 5 ÷ 5 = €900 |
| 1995-1999 | €1,400 x 5 = €7,000 |
| 2000 | €1,620 x 5 = €8,100 |
| 2005 | €2,520 x 5 = €12,600 |
| 2010 | €2,880 x 5 = €14,400 |
| 2015 | €3,240 x 5 = €16,200 |
| 2020 | €5,220 x 1 = €5,220 |
| 01/01/2021 - 31/05/2021 | €5,400 ÷ 12 × 5 = €2,250 |
| **Total** | **€67,030** |

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss